32006R0945

L 173/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 27.6.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 945/2006

tas-26 ta' Ġunju 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 li jistabilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 11a u 11c tar-Regolament (KE) Nru° 1785/2003 li jistabilixxu l-mekkaniżmi li jikkalkulaw u jiffissaw id-dazji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ross imnaddaf mill-ħliefa tal-kodiċi tan-NM 1006 20 u ta' ross mitħun jew nofsu mitħun bil-kodiċi tan-NM 1006 30.

(2) Sabiex ikun evitat li l-ħidma ta' dawn il-mekkaniżmi tiġi mxekkla minn applikazzjoni abbużiva taċ-ċertifikati ta' importazzjoni, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru° 1342/2003 [2] għandu jistabilixxi s-sigurtà għal-liċenzji ta' importazzjoni għar-ross imnaddaf mill-ħliefa, ir-ross mitħun u r-ross nofsu mitħun fuq livell għoli biżżejjed.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 jiġi emendat.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taċ-Ċereali,

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 797/2006. (ĠU L 144 tal-31.5.2006, p. 1)

[2] ĠU L 189 du 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nruº 830/2006 (ĠU L 150 ta' 3.6.2006, p.3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, għandu jiddaħħal il-punt a a li ġej:

"a *a* 30 EUR kull tunnellata, b'deroga mill-punt (a), għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi 1006 20 u 1006 30 tan-NM fil-każ ta' liċenzji ta' importazzjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni